# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1611/98 NA**

**Pierre sive Peter Giusti**

**vs**

1. **Josianne Giusti**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **Dr. Paul Borg Olivier u P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tas-27 ta' Settembru 1999 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Mariah Giusti**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-30 ta' Lulju 1998 fejn ippremetta:

"Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta Josianne Giusti fis-27 ta' Mejju 1994, fil-Knisja ta' San Duminku, Rabat, Malta, u peress li dan iz-zwieg kien tkisser irrimedjabbilment, tant li l-partijiet l-ewwel ghamlu perjodu separati *de facto* u wara anki sseparaw b'kuntratt in atti Nutar Dr. Ann Fenech Adami tas-17 ta' Marzu 1998 (Dokument "A");

Illi fit-22 ta' Gunju 1998, il-konvenuta martu welldet tarbija ta' sess feminili bl-isem ta' Mariah, li, kif jidher mic-certifikat hawn anness (Dokument "B") giet registrata bhala li hija l-wild ta' l-attur, meta fil-fatt mhux hekk hu;

Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-konjugi kien ilhom separati *de facto* ghall-perjodu bejn it-tlitt mitt jum sal-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija msemmija, u inoltre l-imsemmija martu konvenuta, ikkommettiet adulteru ma' ragel iehor u minn testijiet genetici u xjentifici li tista' tordna li jsiru din il-Qorti, tista' tigi eskluza l-paternita' ta' l-attur ghat-tenur ta' l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili;

TALAB li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li:

1. it-tifla bl-isem Mariah li twieldet mill-konvenuta Josianne Giusti fit-22 ta' Gunju 1998, mhux bint l-attur, kif dikjarat fl-att tat-twelid numru 2547/98 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija jew dawk minnhom li jirrizultaw, u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, biex jikkonducu t-testijiet genetici u xjentifici, kif kontemplat fl-Artikolu 70 (1) (d) u (3) tal-Kodici Civili; u

2. konsegwentement il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandux jigi ordnat minn din il-Qorti li jeffettwa l-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija Mariah Giusti li jgib in-numru li jmiss 2547/98, sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-Tarbija", "professjoni, sengha jew stat iehor", "eta'", "fejn twieldu", "fejn joqghodu' u "isem u kunjom il-missier" u "jekk hux haj jew mejjet", u minflok jidhol il-kliem "father unkwon" jew "unknown father" jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tar-rikors tal-kuraturi – kontra l-konvenuta Josianne Giusti, u bil-konvenuti kollha ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tal-5 ta' Ottubru 1999 fejn eccepixxa illi:

“Illi din il-kawza qed issir principalment bhala wahda ta’ denegata’ paternita’ u l-korrezzjoni mitluba fl-att tat-twelid numru 3547/98 hija incidentali;

Illi fil-mertu huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet attrici;

Illi bla pregudizju ghas-suespost, peress illi l-attur qieghed jaghmel talbiet li se jkollhom effett irriversibbli fuq il-hajja tal-minuri Mariah, jekk jintlaqghu, jinhtieg li din l-Onorabbli Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tilqa’ t-talbiet attrici;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, peress illi l-attur qieghed jaghmel talbiet li se jkollhom effett irriversibbli fuq il-hajja tal-minuri Mariah, jekk jintlaqghu, jinhtieg li din l-Onorabbli Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tilqa' t-talbiet attrici;

Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li wasslu ghat-talba ta' korrezzjoni fl-att tat-twelid imsemmi huma ghal kollox estranei ghall-konvenut, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' din il-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenuta Josianne Giusti tal-20 ta' Settembru 1999 fejn accettat il-kurazija tal-minuri Mariaha u dana qabel ma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess minuri b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Settembru 1999.  Dan id-digriet ghalhekk qed jigi revokat *contrario imperio* minn din il-Qorti ghax jirrizulta illi, bl-accettazzjoni tal-partijiet kollha, il-minuri baqghet tigi

rapprezentata minn ommha l-konvenuta Josianne Giusti f'dawn il-proceduri.

Effettivament l-istess konvenuta pprezentat l-eccezzjonijiet taghha fis-16 ta' Novembru 1999 fejn eccepiet proprio et nomine:

1. “Illi t-talbiet attrici huma essenzjalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha *in toto*, b’dan pero’ illi l-interess ta’ l-attur fil-paternita’ tal-minuri Mariah Giusti jieqaf kif jigi ddikjarat illi l-minuri ma hiex il-wild naturali ta’ l-istess attur u jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega. Ghalhekk il-konvenuta topponi t-talba ta’ l-attur fejn jitlob illi l-Qorti tordna illi jitnizzlu ismijiet jew dettalji ohra ta’ l-istess attur;

2. L-attrici ma ghandhiex tbati spejjez ta’ din l-istanza.”

L-istess konvenuta wkoll tat ruhha notifikat bl-avviz tas-smiegh fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2000 filwaqt illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2000 dehru l-partijiet kollha assistiti li nformaw lill-Qorti li l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi f'din il-kawza huma skarsi. Din il-kawza pero' hija intimament konnessa ma' kawza ohra proposta mill-attrici, Citazz. Numru 1069/99 fl-ismijiet "Josianne Giusti proprio et nomine vs Pierre sive Peter Giusti et" li giet deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Frar, 2001. Effetivament din il-kawza li kienet giet appuntata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta proprju biex tinstema' kontestwalment ma' dik il-kawza l-ohra.

F'dik is-sentenza din il-Qorti wara li kienet ikkunsidrat il-provi kollha pero' partikolarment dawk xjentifici u genetici tad-D.N.A. li gew prodotti fl-atti ta' dik il-kawza waslet ghall-konkluzzjoni illi "*l-imsemmija minuri Mariah Giusti mhiex it-tifla naturali tal-konvenut Pierre Giusti, zewg l-attrici ommha, izda hija t-tifla naturali tal-konvenut Emanuel Vella b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens.*"

Stante li f'din il-kawza qed tigi kkontesta l-paternita' ta' l-istess minuri l-Qorti ftit tista' jew ghandha x'izzid ma' din il-konkluzzjoni minnha raggunta fil-kawza l-ohra hlief li tinnota li

t-talba attrici korrettement giet proposta entro t-terminu perentorju stipulat fl-Artikolu 73 (a) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi li t-tifla bl-isem Mariah li twieldet mill-konvenuta Josianne Giusti fit-22 ta' Gunju 1998, mhiex bint l-attur kif dikjarat fl-att tat-twelid numru 2547/98 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija; u

2. konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jeffettwa l-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi Mariah Giusti li jgib in-numru li jmiss 2547/98 sabiex isem l-attur u l-konnottati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmija att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-Tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "Eta'", "Fejn Twieldu", "Fejn Joqghodu" u "Isem u Kunjom il-Missier", u "Jekk hux haj jew mejjet".

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati unikament mill-konvenuta Josianne Giusti proprio.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.